# 122. Taħt il-Vessuvju *

Għat-tul t'eluf ta' snin ix-Xemx bid-dija
għażlet l-abjad tad-djar mil-lewn xehbien
tal-blat u r-raba, u l-qastni tal-ħamrija
u l-aħdar tal-ħaxix u l-lwien tal-ġnien.

U tul l-eluf ta' snin ix-Xemx mistħija
ratek, Vessuvju, tfur, u bin-nirien,
donnok x'alla tal-gwerra, bil-ħruxija
teqred l-irħula u l-ġonna kullimkien.

Intfejt sa fl-aħħar! Tul il-ġenbejn tiegħek
il-friegħi tat-tuffieħ joqogħdu jdommu
ħnienaq għal kemm iridu mingħajr tmiem.

Vessuvju fl-aħħar mitt! Jalla tmut miegħek
il-Gwerra wkoll! Jalla lid-dinja jżommu
f'ħoġorhom tul is-snin il-Ferħ u s-Sliem!

**  il-Vessuvju intefa' għal kollox fl-1942*